# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 311/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kenneth Mark Joseph Mizzi**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Kenneth Mark Joseph Mizzi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 524385(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-23 ta' Novembru 2017 għall-ħabta tad-9.20pm fil-Kalkara jew f'lokalita' oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. inġurja jew hedded persuna u ċioè lil WPS 41 Elaine Rizzo, inkarigata skont il-liġi mis-servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-

servizz jew, bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Ġunju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000) u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ċar x'jiġri jekk jikkommetti reati ieħor matul il-perjodu ta' sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi tħassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena. Sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ ta' konferma din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba biex tinfliġġi piena anqas ħarxa. Dan dejjem salv għal kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet

li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li bil-mod li vettura tħalliet ipparkjata hija kienet qed tostokola l-ħruġ ta' vettura oħra. Jingħad li l-vettura in kwistjoni tħalliet f'nofs ta' triq minħabba li t-tifel tal-appellant u Anna Camilleri huwa *autistic* u tah *tantrum* u kellhom idaħluh malajr id-dar sabiex jieħu l-pilloli sabiex jikkalma. Meta l-appellant kellem lil WPS 41 Elaine Rizzo hu qal li kien ser jitlob it-trasferiment tagħha għaliex ma kinitx għamlet xogħolha sew għaliex kienet bniedma insensittiva minħabba li kienu pparkjaw f'nofs ta' triq għar-raġuni li diġa' ssemmiet.

Illi qabel ma' l-Qorti tipproċedi ulterjorment hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali. Mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Mir-rapport (*a fol.* 2 *et seq.*) tal-Pulizija jirriżulta li r-raġel ta' Anna Camilleri u ċioè l-appellant stqarr li hu segretarju ta' Ministru u li l-għada kien ħa jkellem lill-Ministru biex minn l-għada stess WPS 41 Rizzo ma tibqax taħdem fid-distrett ta' Bormla għaliex skont hu ma kinitx għamlet xogħolha kif suppost. WPS 41 Rizzo ippruvat tfiehem lill-appellant li l-Pulizija kienet għamlet xogħolha kif suppost iżda l-appellant tenna li kien ser jaħdem sabiex tiġi trasferita.

- **PC 742 Christopher Portelli** (*a fol.* 8 *et seq.*) eżebixxa żewġ CD's kontenenti l-allegata telefonata li saret mill-appellant (Dok. "CP 1" u Dok. "CP 2" – *a fol.* 11 u 12).

- **WPS 41 Elaine Rizzo** (*a fol.* 14 *et seq.*) xehdet li dakinhar tal-akkadut waqt li kienet xogħol kienet marret fuq il-post wara li kienu rċevew telefonata li kien hemm vettura qed tostakola lil sewwieq ieħor. Tgħid li din il-vettura kienet ipparkjata

f'nofs ta' triq u li kienu ppruvaw iħabbtu l-bibien u xegħlu s-sirena biex forsi dak li jkun joħroġ. Tixhed li marret Anna Camilleri fejn qalet li l-vettura kienet tagħha u bdiet tgħajjat Tgħid li tatha ċ-ċitazzjoni u Anna Camilleri kompliet tipprotesta għaliex qalet li hi qatt ma għamlet rapport meta ostakolaw lilha. Tgħid li malli ċemplet lill-appellant peress li kien ħalla n-numru tiegħu, huwa mill-ewwel beda jheddidha li huwa s-segretarju tal-Ministru u li ħa jagħtiha *transfer* minn fejn kienet taħdem. Imbagħad spjega r-raġunijiet familjari u hi weġbitu li seta' jmur it-Tribunal u jispjega kollox. Fl-istess telefonata reġa' heddidha li ser jagħtiha *transfer*. Tgħid li bagħtu għaliha tal-*Internal Affairs* u qalulha li l-appellant mar jirrapportaha u tgħid li għamlet *statement* li hija kienet għamlet xogħolha u ma kienet għamlet xejn ħażin u li l-fatt li jkollok tifel bi bżonnijiet speċjali ma jfissirx li tħalli l-vettura f'nofs it-triq għax ħadd ieħor jista' jkollu emerġenza wkoll. Fil-kontro-eżami qalet li Anna Camilleri bdiet tgħajjat għax hi qatt ma għamlet rapporti meta ostakolawha. Tgħid li Anna Camilleri ma kienet spjegat xejn dwar it-tifel. F'dan il-punt kienu eżebiti numru ta' ritratt ta' vetturi pparkjati (*a fol.* 26 *et seq.*). WPS 41 Rizzo wieġbet li hi kienet marret fit-8.30pm u li ma kellhiex għaġġla għax kien fadlilha xogħol sa filgħodu. Tispjega li ħasset il-kliem dwar it-*transfer* bħala theddida għaliex *transfer* jista' jibdillek ħajtek. Tgħid li meta marret fuq il-post Anna Camilleri ma kinitx ġibditilha l-attenzjoni dwar vetturi pparkjati fuq id-*double line* b'dan illi kien hemm vettura waħda pparkjata fuq id-*double line* u ħdejha kien hemm sidha u malli qaltlu biex ineħħiha, dan neħħiha mal-ewwel. Fir-ri-eżami qalet li l-appellant kien identifika lilu nnifsu u qal li huwa segretarju tal-Ministru u qalilha: "*"Inti taf min jien?"*".

- **PC 989 Antoine Cesare** (*a fol.* 32 *et seq.*) xehed li dakinhar tat-23 ta' Novembru 2017 kienet daħlet telefonata li kien hemm vettura qed tostakola t-triq. Jgħid li meta mar fuq il-post flimkien ma' WPS 41 Elaine Rizzo sabu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DEN 117 tostakola vetturi oħra. Jgħid li

min irraporta ma kienx jaf ta' min hi l-vettura. Jgħid li daqq il-horn u s-sirena u minkejja li ħarġu n-nies ħadd ma kien jaf min kien is-sid ta' dik il-vettura. Jispjega li wara li sejjaħ *tow-truck* ħarġet mara li qalet li l-vettura kienet tagħha u bdiet tirrabja għax hi qatt ma rrapurtat lil ħadd. Jgħid li WPS 41 tat ċitazzjoni lil din il-mara u huma kkanċellaw is-sejħa tat-*tow truck*. Fil-kontro-eżami reġa' qal li l-mara bdiet tgħajjat imma qalet li pparkjat minħabba t-tifel u ma semmietx il-kondizzjoni tat-tifel.

- Meta xehed il-**Maġġur Keith Caruana** (*a fol.* 37 *et seq.*) li huwa stazzjonat fid-Dipartiment tal-*Internal Affairs* qal li fis-26 ta' Novembru 2017 mar l-appellant u martu jagħmlu rapport dwar WPS 41 tal-Għassa ta' Bormla. Huwa jgħid x'qalu huma u x'qalu l-Pulizija u x'qal Travis Formosa li kellu bżonn joħroġ malajr u kien ilu jistenna.

- **Travis Formosa** (*a fol.* 46 *et seq.*) xehed li kellu bżonn imur ħdejn it-tifla imma minħabba l-vettura li kien hemm pparkjata ma setax jagħmel dan. Jgħid li ma kienx jaf ta' min kienet il-vettura u li mbagħad marru l-Pulizija u ħarġet Anna Camilleri u għajtitlu u hu qalilha tiskużah għax ma kienx jaf li l-vettura kienet tagħha. Jgħid li Anna Camilleri pprotestat li tieħu ċitazzjoni minħabba l-kondizzjoni ta' binha u li l-Pulzija qaltilha li dan ma kinitx skuża biex tħalli l-vettura f'nofs ta' triq. Jgħid li meta ħarġet Anna Camilleri ma kinitx kuntenta u ma kienx hemm dagħa u ġlied u li mbagħad ħareġ l-appellant irrabjat. Qal li qisu ma kienx ħa jħallas iċ-ċitazzjoni u lil Anna Camilleri beda jgħidilha: *""Issa ħalli f'idi""*. Fil-kontro-eżami huwa qal li qatt ma kellu kwistjonijiet ma' Camilleri u ma' Mizzi u qal li l-Pulizija ma qalet ebda kelma ħażina. Jgħid li WPS 41 kitbet iċ-ċitazzjoni u waħħlitha mal-*windscreen* u li ppruvat tagħtiha ċ-ċitazzjoni f'idejha.

- **Kenneth Mark Joseph Mizzi** (*a fol.* 54 *et seq.*) qal li jaħdem f'segretarjat ma' Ministru. Huwa spjega l-kondizzjoni medika tat-tifel li dak in-nhar irreaġixxa minħabba li l-vettura

kienet ġdida. Jgħid li meta daħħluh ġewwa dam biex jikkalma u kif qagħad ftit ried imur ineħħi l-vettura. Jgħid li huwa mweġġa' ħafna minħabba l-kondizzjoni ta' ibnu. Jgħid ukoll li minkejja li kien ħallas iċ-ċitazzjoni baqa' jinsisti li l-Pulizija kienet insensittiva. Jgħid li l-Pulizija għandha tkun edukata dwar dawn l-affarijiet u li barra minn hekk kien hemm vetturi oħra pparkjati ħażin. Jixhed li talab biex il-Pulizija tiġi trasferita iżda t-*transfer* ma kienx vendikattiv għax hu ħass li l-Pulizija għandha tkun aktar sensittiva. Fil-kontro-eżami jgħid li ma kienx sema' il-horn tal-Pulizija u li huma ma kinux ħarġu għaliex kienu fil-kamra ta' ġewwa bil-bibien magħluqin. Waqt id-depożizzjoni tiegħu eżebixxa rapport ta' psikologu dwar il-kondizzjoni tat-tifel u żewġ dokumenti oħra dwar it-tifel kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li għamlu hu u martu, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. "KM 1" sa Dok. "KM 3" (*a fol.* 66 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant allura imputat ġie akkużat bl-imputazzjoni li temani minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu li jirrigwarda *"ingurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom"* jiddisponi hekk:

> "Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-ingurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."

Illi peress li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jagħmel riferenza għall-apprezzament tal-fatti, din il-Qorti eżaminat il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti b'dan illi tinnota li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-att irid ikun wieħed li jkun intenzjonat sabiex inaqqas il-ġieh u r-reputazzjoni lejn min huma diretti u li f'dan il-każ ma hemmx provi li dan seħħ. Jisħaq li hu ma talabx lil WPS 41 Rizzo sabiex tħassar iċ-ċitazzjoni u li dan tgħidu Rizzo nnifisha (*a fol.* 9) tant li hu ħallas iċ-ċitazzjoni. Jargumenta li bħala ċittadin hu għamel rapport mat-Taqsima tal-Affarijiet Interni u li fl-istqarrija meħuda mill-Maġġur 860 Keith

Caruana, hu (l-appellant) ma għamel ebda riferenza għaċ-ċitazzjoni li kienet inħarġet. Jgħid li r-rapport kien minħabba li s-surġent għamlet xogħolha b'arroganza, b'insensittivita' u b'nuqqas ta' etika lejn il-pubbliku.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li l-appellant jissottometti li WPS 41 Elaine Rizzo għamlet xogħolha b'insensitivita', dan ma jirriżultax mix-xhieda prodotti. Da parte tiegħu, is-Surġent Maġġur Caruana xehed li Travis Formosa qalilhom li WPS 41 kienet *"very polite"* u ma kinitx arroganti (*a fol.* 40). Il-Qorti jirriżultalha li kienet propju mart l-appellant li ma ħallitx lill-Pulizija tagħmel xogħolha sew billi qabdet tgħajjat malli ħarġet minflok ma kkalmat u spjegat is-sitwazzjoni bil-kalma tant li waqt li WPS 41 Rizzo riedet tagħtiha ċ-ċitazzjoni, fl-aħħar kellha tħallih fuq il-vettura.

Illi Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa intiż li jipproteġi lil kull uffiċjal pubbliku (kemm bl-uniformi kif ukoll bla uniformi) fil-qadi ta' dmirijietu, liema protezzjoni testendi wkoll għall-perjodu ta' wara li jkun qeda dmirijietu. In fatti l-Artikolu 95 imsemmi għandu l-kliem: *"jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz"*.

Illi jirriżulta li WPS 41 Rizzo kienet għamlet dmirha u għalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-appellant heddidha bi *transfer* tant li Rizzo ħassitha mhedda u in fatti qalet li *transfer* jista' jibdillek ħajtek. It-theddid huwa kull ħaġa li jġiegħlek tibża' u dan mhux biss għal ħajtek imma wkoll għal tibdil fl-istil ta' ħajtek li jsir bla mistħoqq. Din il-Qorti m'għandha ebda dubju li t-theddid sar kemm mir-reazzjoni ta' WPS 41 Rizzo kif ukoll mill-kliem li ntuża tant li l-appellant ippreżenta ruħu li jaħdem f'Ministeru u mbagħad billi staqsa lil WPS 41 jekk kinitx taf min kien. Da parte tagħha, WPS 41 imxiet tajjeb anke mal-appellant meta qaltlu li l-kwistjoni seta' jeħodha quddiem it-Tribunal peress li din hija l-proċedura legali u mhux li wieħed jipprova jhedded minħabba l-pożizzjoni tiegħu.

Illi filwaqt li din il-Qorti tifhem id-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu lill-appellant u martu minħabba l-problemi ta' saħħa tat-tifel tagħhom, pero' fl-istess waqt dawn id-diffikultajiet ma għandhomx iwasslu sabiex wieħed jhedded lil xi ħadd, speċjalment uffiċjal pubbliku li jkun qed jaqdi jew qeda dmirijietu. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin fl-imġieba ta' WPS 41 Rizzo.

Illi l-Qorti żżid tgħid ukoll li ma tagħmilx differenza jekk l-appellant ħallasx iċ-ċitazzjoni jew le. F'dan il-każ jeżistu l-elementi tar-reat ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ġustifikazzjoni li l-appellant ipprova jagħti huwa u jixhed ma twassalx lil din il-Qorti tiġi konvinta mod ieħor. Għaldaqstant minħabba dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti kellha tisfilza r-*recording* tat-telefonata u dana peress li jisħaq li din il-prova hija inammissibbli. Jgħid li l-Ewwel Qorti qalet li minħabba l-fatt li hu kien diġa' ċempel qabel u sema' il-messaġġ li t-telefonata kienet ser tkun irrekordjata, hu kellu jieħu l-preżunzjoni li t-telefonata kienet qed tkun irrekordjata. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma mxietx mal-prinċipju li l-prova tal-Prosekuzzjoni trid tkun 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

Illi din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Ewwel Qorti meta qalet li ma kienx hemm l-estremi li bihom tisfilza r-*recording* in kwistoni mill-proċess. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li fir-Rikors tal-appell l-asserzjoni tal-appellant ma ngħatat ebda sostenn minnu u l-Qorti tinnota, għall-grazzja tal-argument biss, li anke jekk jiġi njorat ir-*recording*, tibqa' ċara x-xiehda ta' WPS 41 Rizzo u Travis Formosa fir-rigward ta' dak li ġara dakinhar tal-akkadut. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ukoll it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti diversament preseduta saret riferenza għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*, din il-Qorti ma sabet ebda aggravju dwar dan il-prinċipju fir-Rikors tal-appell u għalhekk mhux ser teżaminah.

Illi fir-Rikors tal-appell l-appellant jitlob b'mod sussidjarju li l-piena tkun anqas ħarxa. Wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali u ta' dak li wassal għal akkadut u ċ-ċirkostanzi kif seħħew waslet għal konklużjoni li għandha tnaqqas il-multa erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Kenneth Mark Joseph Mizzi u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma wkoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn (2) b'dan illi dan iż-żmien jibda jiddekorri mil-lum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2000) u minflok tikkundannah iħallas multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1500);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata msemmi hawn fuq.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**